DIRETTORAT GĦAL
KWALITA` U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
IL-FURJANA VLT 2000
MALTA

DIRECTORATE FOR
QUALITY AND STANDARDS IN EDUCATION
FLORIANA VLT 2000
MALTA

## Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u eLearning

**Tel:** 2598 2449 / 2598 2478 / 2598 2480
**Fax:** 2598 2149
**Email:** raymond.j.camilleri@gov.mt

## ĊIRKULARI

**Informazzjoni:** X **Data:** 11 t'Ottubru 2011

**Azzjoni:** X **Ref:** CMeLD 144/2011

**Lill- :** Prinċipali tal-Kulleġġi, Kapijiet tal-Iskejjel Primarji tal-Istat u Sezzjonijiet

**Mis-:** Sur George Mifsud, Uffiċjal Edukattiv – Malti (Primarja)

**Suġġett:** Kotba Ġodda tal-Lingwa Maltija għat-Tielet u r-Raba' Sena tal-Primarja

---

Nixtiequ ninfurmawkom li fil-jiem li ġejjin ser jitqassmu fl-Iskejjel Primarji żewġ kotba ġodda tal-Lingwa Maltija. Dawn il-kotba ntgħażlu mid-Dipartiment tal-Kurrikulu u eLearning fuq ir-rakkomandazzjonijiet ta' Bord ta' esperti maħtura apposta.

Il-kotba l-ġodda, *KLIKK 3 u KLIKK 4,* ser jintużaw fit-tielet u r-raba' sena tal-Primarja rispettivament. Mal-ktieb hemm ukoll *CD* li tikkumplimenta l-eżerċizzji u li l-għalliema għandhom jużaw fil-klassi biex iħarrġu lill-istudenti fl-erba' ħiliet ewlenin tal-Lingwa Maltija.

Il-kotba *KLIKK 3 u KLIKK 4* għandhom jintużaw bħala '*textbooks*' u mhux bħala '*workbooks*'.

Issa li tlesta l-eżerċizzju tar-reviżjoni tal-kotba tal-Lingwa għas-snin kollha tal-Primarja, il-lista obbligatorja hija din li ġejja:

### Il-kotba obbligatorji tal-Lingwa Maltija fil-Primarja:

| Is-sena | Isem il-ktieb | Kif jintuża |
|---|---|---|
| 1 | Stilel 1 | *workbook* |
| 2 | Stilel 2 | *workbook* |
| 3 | Stilel 3 | *workbook* |
| | Klikk 3 + CD | *textbook* |
| 4 | Stilel 4 | *workbook* |
| | Klikk 4 + CD | *textbook* |
| 5 | Stilel 5 | *textbook* |
| | Kalejdoskopju 5 | *textbook* |
| 6 | Stilel 6 | *textbook* |
| | Kalejdoskopju 6 | *textbook* |

Ta' min ifakkar li kotba oħra tal-Lingwa Maltija li tqassmu lill-istudenti fil-bidu tas-sena għandhom jinġabru lura u ma jibqgħux jintużaw fil-klassijiet, kemm minħabba l-aġġornamenti riċenti fl-ortografija kif ukoll l-aspetti pedagoġiċi marbutin mat-tagħlim tal-Malti.

Jekk xi għalliema jħossu li jeħtieġu materjal supplimentari fit-tagħlim tal-Lingwa Maltija, barra dak offrut mill-kotba obbligatorji, għandhom jaraw li:

1) l-materjal li jużaw jaqbel mal-aħħar deċiżjonijiet meħuda mill-Kunsill tal-Malti (2008) skont kif ippubblikati fid-dokument *Deċiżjonijiet 1*,
2) jirrispettaw il-liġijiet li jħarsu d-drittijiet tal-awturi u tal-pubblikaturi tal-ktieb / kotba użati,
3) l-materjal li jużaw ikun materjal li jissupplimenta u mhux jissostitwixxi l-kotba obbligatorji msemmija hawn fuq,
4) l-istudenti ma jiġux obbligati li jixtru kotba oħra tal-Lingwa barra dawk mogħtija mill-iskola.

**Fil-każ ta' xi diffikultà jew kjarifika tistgħu tikkuntattjaw lis-Sur George Mifsud, Uffiċjal Edukattiv għall-Malti (Primarja) fuq l-indirizz george.mifsud@gov.mt jew fuq in-numru 2558 7113.**

Grazzi tal-koperazzjoni tagħkom.

**Raymond J. Camilleri**
**Direttur tal-Kurrikulu u eLearning**